**MALTA**

# KAMRA TAD-DEPUTATI

## KUMITAT PERMANENTI GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA’ ABBOZZI TA’ LIĠI

*(Rapport Uffiċjali)*

**ID-DISA’ PARLAMENT**

**Laqgħa Nru. 86**

**It-Tlieta, 17 ta’ Lulju, 2001**

**Stampat fl-Uffiċċju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz Lm1**

**ID-DISA'  PARLAMENT**

**Laqgħa Nru. 86**

**It-Tlieta, 17 ta' Lulju, 2001**

**Il-Kumitat iltaqa' fil-Palazz, il-Belt Valletta, fis-7.14 p.m.**

**Talba**

## MINUTI

*Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 85 li saret fl-16 ta' Lulju, 2001 kienu konfermati.*

## ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IS-SOĊJETAJIET KOPERATIVI

## *CO-OPERATIVE SOCIETIES BILL*

*Skond riżoluzzjoni tal-Kamra fis-Seduta Nru. 554 tat-18 ta' Ġunju, 2001 il-Kumitat iltaqa' biex jikkonsidra dan l-Abbozz ta' Liġi.*

Onor. Helen D"Amata, *Acting Chairperson* tal-kumitat, tippresjedi.

***THE ACTING CHAIRPERSON*****:** Quddiemna għandna l-abbozz ta' liġi dwar il-koperativi. Rimarki? Il-Viċi Prim Ministru.

**Klawsola 2 -** Tifsir.

***Clause 2 –*** *Interpretation.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI (Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali):** Bi preparazzjoni għal dan il-kumitat għamilt eżerċizzju fejn qabbilt l-artikoli ta' dan l-abbozz ta' liġi ma' l-artikoli ta' l-abbozz ta' l-Att dwar il-Koperativi ta' l-1993. Għalhekk qiegħed f'pożizzjoni li nista' nindika lill-membri tal-kumitat liema huma l-artikoli l-ġodda u liema huma dawk li diġa` jeżistu fl-Att dwar l-Għaqdiet Koperativi, jiġifieri l-Kapitlu 278 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 2 huwa artikolu ta' l-interpretazzjoni ta' diversi terminoloġiji li jintużaw fl-abbozz ta' liġi. It-terminoloġiji l-ġodda huma l-kliem "*abridged set of audited financial statements*". Dik hija interpretazzjoni ġdida fost numru ta' innovazzjonijiet li qiegħed jintroduċi dan l-abbozz, li titkellem dwar kif għandhom jinżammu l-*financial statements* u l-*accounts* ta' koperativa. Id-definizzjoni tal-kliem "*arbitration centre*" tindika kunċett ġdid li qiegħed jiġi introdott f'dan l-abbozz ta' liġi ta' kif għandhom jiġu riżolti l-kwestjonijiet li jinqalgħu bejn il-membri tal-koperativa. Definizzjonijiet oħra li ġew introdotti f'dan l-abbozz huma "*International Accounting Standards*", "*subsidiary company*" u "*tertiary society*". Qiegħed nippreżenta emenda "A" għall-klawsola nru. 2 li kopja tagħha diġa` qassamtha lill-membri ta' dan il-Kumitat.

"A" Klawsola (2) għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) Minnufih wara t-tifsira ta' "kumpanija sussidjarja" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

"*manager*" huwa uffiċjal maħtur mill-kumitat ta' tmexxija tas-soċjeta` biex ikun responsabbli għat-tmexxija eżekuttiva ta' amministrazzjoni ta' soċjeta` skond id-direzzjoni tal-politika ġenerali stabbilita minn dak il-kumitat ta' tmexxija.

(2) Minnufih wara t-tifsira ta' "*manager*" għandhom, jiżdiedu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

"membru" dwar soċjeta` reġistrata jinkludi persuna, soċjeta` kummerċjali jew soċjeta` mdaħħla fi sħubija malli jew wara li s-soċjeta` tiġi reġistrata"

"membru attiv" huwa membru ta' soċjeta` li jkun wettaq l-inqas ammont jew valur ta' transazzjonijiet ma' l-istess soċjeta` hekk kif jista' jiġi mfisser fl-istatut ta' soċjeta`".

(3) Minnufih wara t-tifsira ta' "reġistrata", għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

"Regolamenti" tfisser regolamenti magħmulin taħt dan l-Att".

(4) Minflok it-tifsira ta' "soċjeta`" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

"soċjeta`" tfisser soċjeta` koperativa reġistrata jew reġistrata provviżorjament taħt dan l-Att u tinkludi soċjeta` primarja, soċjeta` sekondarja u soċjeta` terzjarja".

(5) Minnufih wara t-tifsira ta' "statut" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

"*surplus"* li tfisser id-dħul net nieqes f'kull nefqa minnufih qabel ma jkunu saru provvedimenti adegwati fil-fond ċentrali tal-koperativi".

(6) Minnufih wara t-tifsira ta' "uffiċjal" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

"Uffiċjal tal-Bord" tfisser membru tal-personal ta' l-uffiċċju tal-bord jew kull persuna oħra li tkun awtorizzata kif imiss mill-bord għal xi għan speċifiku".

*"A"* *Clause 2 shall be amended as follows:*

*(1) Immediately after the definition of "abridged set of audited financial statements", there shall be added the following new definition:*

*""active member" is a member of a society who has carried out a minimum amount or value of transactions with the same society, as may be defined in the statute of a society;";*

*(2) Immediately after the definition of "International Standards on Auditing", there shall be added the following new definitions:*

*""manager" is an officer appointed by the committee of management of a society to be responsible for the executive running and administration of a society in line with the overall policy established by the said committee of management;*

*"member" in relation to a registered society includes a person, a commercial partnership, or society admitted to membership upon, or after, the registration of the society;";*

*(3) Immediately after the definition of "officer", there shall be added the following new definition:*

*""officer of the Board" means a member of the staff of the office of the Board or any other person duly authorized by the Board for a specific purpose;";*

*(4) Immediately after the definition of "registered", there shall be added the following new definition:*

*""Regulations" means Regulations made under this Act;";*
*(5) For the definition of "society", there shall be substituted the following new definition:*

*""society" means a co-operative society registered or provisionally registered under this Act and includes a primary society, a secondary society and a tertiary society;";*

*(6) Immediately after the definition of "supervisory board", there shall be added the following new definition:*

*““surplus” means the net income less expenditure immediately before adequate provisions have been made for the Central Co-operative Fund and the reserve fund;”.*

**THE ACTING CHAIRPERSON:** L-Onor. Anġlu Farrugia.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Id-definizzjonijiet li ġew introdotti f'dan l-abbozz bħal "*set of audited financial statements*", "*international accounting standards*", eċċ. huma meħuda minn xi leġislazzjoni domestika oħra?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Iva, mhux qegħdin nintroduċu definizzjonijiet ġodda għaliex dawn huma meħudin kelma b'kelma minn leġislazzjoni oħra.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Rigward id-*disputes,* din il-liġi tgħid li wieħed għandu jmur quddiem l-*arbitration centre*, pero` nassumi li wieħed jista' jagħżel li jmur quddiem il-qorti jew inkella jagħżel arbitru ieħor taħt il-proċedura ċivili.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Iva. Dawn huwa kwestjonijiet li jiġu regolati bl-istatut. Il-membri ta' koperattiva jistgħu jagħżlu li jirregolaw din il-materja bi statut. Pero` l-intenzjoni tagħna hija li ninċentivaw lill-membri tal-koperativi biex jużaw is-sistema ta' l-arbitraġġ li qiegħda tissostitwixxi l-proċess li hemm illum, *cioe`* li jkun il-Ministru li jkollu jiddeċiedi fuq il-kwestjonijiet li jinqalgħu, imbagħad jekk ikun hemm punt legali l-Ministru jkollu jirreferi l-kwestjoni lill-Qorti ta' l-Appell.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** L-organizzazzjoni *APEX* hija innovazzjoni jew kienet diġa` hemm?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Fl-opinjoni tiegħi, din hija waħda mill-innovazzjonijiet l-iktar importanti f'dan l-abbozz pero` m'huwiex kunċett li vvintajnieh aħna. Huwa kunċett meħud mill-Moviment Koperattiv Internazzjonali fejn il-kelma *APEX* fil-kuntest internazzjonali tfisser, organizzazzjoni tal-koperativi immexxija u mwaqqfa minnhom infushom li tgħin lill-istess moviment koperattiv jiżviluppa, jitħarreġ u jsib l-għajnuna li għandu bżonn biex jimxi 'l quddiem. L-*APEX* ilha realta` f'pajjiżna. Twieldet bejn wieħed u ieħor fl-1994 meta 15-il koperattiva ftehmu bejniethom li jipparteċipaw fl-*APEX*. Illum, jekk m'iniex sejjer żball, tinkludi mas-36 organizzazzjoni, jiġifieri kważi l-koperativi kollha. Minħabba l-importanza ta' l-*APEX*, qegħdin nagħtuha r-rikonoxximent fil-liġi tagħna billi nagħtuha ċertu privileġġi. Din l-organizzazzjoni qiegħda tiġi istituzzjonalizzata fil-liġi bil-fakulta` li tiġi reġistrata. Meta naslu għall-artikolu relattiv nindunaw li biex ikollok organizzazzjoni *APEX*, irid ikollok maġġoranza tal-koperativi eżistenti f'pajjiżna li jkunu membri fiha, inkella ma tkunx tista' tirreġistra organizzazzjoni *APEX*.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** L-*APEX* hija msieħba ma' diversi *international organisations* fil-moviment koperattiv dinji u fl-ILO jekk m'iniex sejra żball, imma ma nafx jekk din is-sena marritx jew le.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ma marritx imma setgħet marret.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Xtaqt nistaqsi xi ħaġa dwar id-definizzjoni ta' *manager* li se tiddaħħal bl-emenda għall-klawsola 2. Peress li hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq sfera kummerċjali għaliex koperattiva *is a commercial entity*, u peress illi fil-Kodiċi Kummerċjali nsibu definizzjoni oħra tal-kelma *manager,* ma taħsibx li din tista' toħloq xi diffikultajiet? Jekk persuna hija *manager* għandha tirrispondi f'kawża? Liema huma r-responsabbiltajiet ta' *manager*?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ir-rappreżentazzjoni legali tal-koperattiva tiġi stabilita` mill-istatut tal-koperattiva stess. Allura jista' jiġi deċiż li *manager* ma jkollux ir-rappreżentanza ġuridika tal-koperattiva għaliex dik ir-rappreżentanza tkun fil-president tal-koperattiva jew fil-membri tal-kumitat tat-tmexxija. Sal-lum il-prattika hija li l-koperativi jkollhom *manager,* allavolja l-liġi tal-koperativi ma tirrikonoxxix li għandu jkun hemm *manager*. Anzi l-liġi l-antika titfa' l-piż kollu fuq il-kumitat tat-tmexxija. L-emenda qiegħda tippermetti li l-kumitat tat-tmexxija stess jaħtar persuna waħda partikolari, li aħna sejjaħnilu

*manager*, li jista' jkun *chief executive officer.* Forsi d-differenza l-kbira bejn il-pożizzjoni li kellna sal-lum u l-pożizzjoni fil-liġi l-ġdida hija li fil-pożizzjoni li kellna sal-lum kien hemm kumitat ta' tmexxija, jiġifieri kien hemm grupp ta' nies li suppost jimmaniġjaw il-kwestjonijiet ta' dik il-koperativa. Mill-prattika u mill-esperjenza sirna nafu li l-kumitat ta' tmexxija stess wasal għall-konklużjoni li jkun irid jagħżel *manager*. Allura biex tkun ċara li koperativa, anke jekk ikollha kumitat ta' tmexxija, għandha l-awtorita` li tinnomina *manager*, daħal dan il-kunċett fil-liġi biex id-dubju li seta' eżista taħt il-liġi l-antika tneħħa.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Minkejja li fil-liġi l-antika ma kienx hemm stabbilit li l-koperativa jrid ikollha *manager*, dejjem kien ikun hemm dik il-persuna amministrattiva, partikolarment jekk il-koperativa għandha ċerta attivita` ta' ċertu kobor. Il-persuna kienet tkun *manager* imma ma kelliex l-għarfien legali. Issa jien iktar għandi dubju jekk il-*manager* għandux ikun membru tas-soċjeta` tal-koperativa jew għandux ikun impjegat tal-koperativa. Ġieli jqumu dawn it-tip ta' mistoqsijiet u kunflitti u fil-liġi m'aħna xejn ċari fuqhom. Qiegħda nifhem li pjuttost qiegħda titħalla f'idejn il-koperativa partikolari u l-istatut tagħha, sewwa?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Iva, qegħdin inħallu l-għażla f'idejn il-koperativa biex jekk il-kumitat tat-tmexxija jidhirlu li hemm xi ħadd minn fost il-membri li għandu l-kwalifiki ta' *manager* u jrid jappuntah bħala *manager*, ikun jista' jappuntah pero` jekk jidhirlu li għandu jikkuntratta dak is-servizz billi jimpjega *manager* apposta mal-koperativa jkollu l-fakulta` li jagħmel hekk ukoll.

Biex immur lura għall-punt li għamel l-Onor. Farrugia, ridna li nġibu l-liġi tal-koperativi viċin sal-massimu possibbli għal dak li jiġri fil-qasam kummerċjali f'dak li għandu x'jaqsam ma' kumpanniji ta' soċjeta` limitata. Bħalma nafu, *a limited liability company* tista' timpjega *manager* f'kuntratt definit jew indefinit li jista' jkun *shareholder* ta' l-istess kumpannija għalkemm rarament ikun *shareholder*. Ħafna drabi dan il-*manager* ma jkunx *shareholder* u għalhekk ma jkunx qed jiddefendi l-interessi tiegħu f'dak is-sens imma pjuttost, ikun jamministra l-intrapriża b'mod oġġettiv u kummerċjalment kif jaqbel lill-kumpannija *as a whole* u mhux kif jaqbel lilu bħala *shareholder*. Dan il-kunċett qegħdin nittrattawh ukoll fil-koperativa mingħajr ma nagħmlu obbligi, jiġifieri qegħdin inħallu l-liberta` lill-koperativa li jew tagħżel *manager* minn fost il-membri tagħha jew inkella timpjega lil xi ħadd minn barra.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** L-*inclusion* tal-*manager* hija xi ħaġa importanti u tista' tkun determinanti għas-suċċess tal-koperativi. Peress li *later on*, din l-*inclusion* se torbot lil kulħadd, x'se jkunu id-dmirijiet ta' dan il-*manager*?.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ma ngħaġġlux. Sal-lum il-liġi timponi li għandu jkun hemm kumitat ta' tmexxija. Mela l-kunċett ta' *management* huwa obbligatorju fil-liġi. Li qegħdin niċċaraw u nirrikonoxxu fil-liġi hija dik li fir-realta` kienet qiegħda tiġri diġa` u cioe` li l-koperativa tista' mhux biss ikollha kumitat ta' tmexxija imma tista' tagħżel persuna biex tkun il-*manager* uffiċjali tas-soċjeta`.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Imma l-verita` hija li minkejja li kien hemm dan ir-rikonoxximent ta' għarfien bil-liġi, xorta waħda kellna numru ta' koperativi li *lacked good management*. Naħseb li nista' nagħmel referenza għal xi waħda partikolari biex inkun *tangible* f'dak li qiegħda ngħid, per eżempju l-*public cleansing*. Irridu nirrikonoxxu l-fatt li *it lacked good management* u hawn m'iniex qiegħda nipponta subgħajja lejn xi ħadd. Il-punt huwa li l-*good management* huwa fundamentali għas-suċċess tal-koperativa. Allura naħseb li d-dmirijiet tal-*manager* f'artikolu 82 huma xotti. Il-fatt li nafu li *one of our sore points* fil-passat kien il-*management*, għandu jurina biċ-ċar li rridu namplifikaw ftit iktar fuq dawn id-dmirijiet u x'iridu jkunu d-dmirijiet tal-*manager* fil-koperativa.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** F'dan l-istadju nixtieq ngħid li fil-liġi tal-koperativa l-antika, l-kunċett ta' *management* kien diġa` jeżisti pero` tqiegħed f'idejn dak li l-liġi l-antika ssejjaħ bħala kumitat tat-tmexxija.

Il-kunċett kien tajjeb fis-sens li l-kumitat ta' tmexxija kien magħmul minn membri eletti, pero` l-element ta' *expertise* kien nieqes. L-esperjenza urietna li huwa importanti li kumpannija titmexxa mhux mill-iktar

persuna popolari imma minn persuna li jkollha l-kapaċita` li tmexxi l-koperativa 'l quddiem. Sal-lum kien hemm id-dubbju jekk dan jistax isir u dan għaliex il-liġi l-antika speċifikatament kienet tgħid "kumitat ta' tmexxija" u allura kienet tqum il-kwestjoni jekk il-kumitat ta' tmexxija jistax jagħżel lil xi ħaddieħor biex imexxi hu. Dan id-dubbju issa tneħħa biex dawk il-koperativi li diġa` għandhom l-*managers*, nkopruhom, mentri dawk li m'għandhomx mhux biss ninkoraġġuhom imma qegħdin nagħtu rikonoxximent bil-liġi u ninċentivaw lill-koperativi biex ikollhom dan il-*manager*. Dan ifisser li fil-liġi l-antika, l-kunċett ta' *manager* kien hemm pero` l-ikbar problema li ħafna mill-koperativi ffaċċjaw tul is-snin kienet in-nuqqas ta' *expertise* amministrattiva li kellhom matul is-snin. Nittamaw li b'dawn l-emendi qegħdin ninkoraġġuhom u ninċentivawhom biex jagħmlu dan il-pass ta' progress. M'aħniex qegħdin nobbligawhom, l-uniku obbligu huwa li jkollok kumitat tat-tmexxija, jiġifieri xorta jista' jkollok koperativa li jkollha biss kumitat tat-tmexxija. L-idea hi, u naħseb qiegħed nirrifletti l-opinjoni tal-maġġoranza jekk mhux tat-totalita` tal-koperativi eżistenti llum, li huwa importanti li jkollok *manager*.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Fir-rigward tat-*text* oriġinali ta' l-abbozz, l-organizazzjoni *APEX* tfisser assoċjazzjoni reġistrata taħt it-Taqsima X biex tħaffef il-ħidmiet ta' kull soċjeta` koperativa. Il-kliem "biex tħaffef il-ħidmiet", jiġifieri *facilitating* pero` bil-Malti qisha qiegħda tgħid ħafna affarijiet imma fil-fatt m'hi qiegħda tgħid xejn.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Din hija meħuda mid-definizzjoni ġenerali applikabbli għal xi tfisser *APEX organisation*. Il-verżjoni bl-Ingliż hija meħuda mit-*text* li normalment wieħed isib. It-traduzzjoni bil-Malti tal-kelma "*to facilitate*" hija tħaffef iżjed milli tiffaċilita.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Ma tantx qiegħda naraha tajba din l-għażla tal-kliem għaliex il-kelma "tiffaċilita" hija ħafna iktar deskrittiva minn "tħaffef il-ħidmiet".
**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-kelma "tiffaċilita" tfisser tħaffef il-proċeduri biex tkun tista' taħdem aħjar.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Dan it-*text* għadda minn numru kbir ta' konsultazzjonijiet mal-koperativi u rrid naħdem b'aktar kawtela` qabel ma nċaqlaq xi definizzjoni.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Nifhem li kien hemm ħafna konsultazzjonijiet, pero` qiegħed ninduna li mhux qegħdin inkunu kapaci nsibu kliem bil-Malti għal ċertu kliem bl-Ingliż. Per eżempju kliem bħal *manager*, *surplus*, eċċ.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Dawn huma kliem li jkunu aċċettati b'mod normali anke meta tkun qiegħed titkellem barra t-triq u allura ma naħsibx li għandna għalfejn noqogħdu ninħlew fuq hekk. Aktar rimarki? (Onor. Membri: *No*). Il-mistoqsija hija l-emenda "A". Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "A" għaddiet nem. con.*

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija klawsola 2 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 2, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 3 -** Il-Bord.

***Clause 3 -** The Board.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, għandi emenda:

"B" "Is-subklawsola (1) ta' klawsola 3 għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) Minflok il-paragrafu (a) tiegħu, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

(a) li jirreġistra, jissorvelja u jeżerċita superviżjoni fuq soċjetajiet koperativi u jiżgura konformita` mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(2) Minflok il-paragrafu (b) tiegħu, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

(b) li jappoġġa u jgħin it-twaqqif ta' soċjetajiet koperativi f'kull settur ta' l-ekonomija u tas-soċjeta`;

(3) Minflok il-paragrafu (c) tiegħu, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

(c) li jipprovdi tagħrif dwar kull prinċipju, prattika u tmexxija tal-koperativi."

*"B"* *Subclause (1) of clause 3 shall be amended as follows:*

*For paragraph (a) thereof, there shall be substituted the following new paragraph:*

*"(a) to register, monitor and exercise supervision over co-operative societies and to ensure compliance with the provisions of this Act;";*

*(2) For paragraph (b) thereof, there shall be substituted the following new paragraph:*

*"(b) to support and assist the establishment of co-operative societies in all sections of the economy and society;";*

*(3) For paragraph (c) thereof, there shall be substituted the following new paragraph:*

*"(c) to furnish information regarding co-operative principles, practices and management."*

Hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq il-Bord tal-koperativi, li hija t-tieni parti ta' din il-liġi. L-artikolu 3 huwa kważi kollu meħud mil-liġi l-antika pero` hawn ċertu emendi li ta' min wieħed jiġbed l-attenzjoni dwarhom. Per eżempju, qegħdin nintroduċu fis-subparagrafu (a) kemm fil-verżjoni ta' l-abbozz oriġinali u kif ukoll fl-emenda riveduta l-funzjoni "*to monitor*". Qabel, għalkemm fil-prattika hekk kien isir, il-Bord ma kellux imniżżel fil-funzjoni tiegħu li għandu jagħmel *monitoring*. GĦalhekk issa din il-funzjoni qiegħda tiġi spjegata iżjed fid-dettall fil-liġi. L-istess għandu jgħodd għall-kelma "*supervision*" u "*to ensure compliance*".

Permezz ta' din il-liġi qiegħda ssir bidla fil-funzjoni tal-Bord. Bil-mod ta' kif ktibna l-artikolu 3 u jekk wieħed iqabblu ma' l-artiklu 3 kif jeżisti taħt il-liġi l-antika, wieħed jinduna li l-funzjoni tal-Bord qiegħda ssir waħda regolatorja. Qabel il-Bord kellu l-funzjoni li jintervjeni fil-kwestjonijiet u fid-disputi. Bil-liġi l-ġdida naqqasnielu kemm stajna minn dawn ir-responsabbiltajiet biex inħalluh eskluzzivament fuq funzjoni regolatorja.

Hawnhekk irrid mill-ewwel nirreġistra punt importanti u dan spjegajtu lill-koperativi u fehmuh. Aħna favur u fil-fatt inkorporajna fil-liġi t-twaqqif ta' l-*APEX* u għidna li l-*APEX* hija organizzazzjoni importantissima biex il-koperativi jimxu 'l quddiem. Fl-istess ħin ma nistgħux inħallu f'idejn l-*APEX* l-irwol kruċjali li tinċentiva t-twelid ta' koperativi ġodda u dan għaliex l-*APEX* hija magħmula minn koperativi li diġa` huma reġistrati u allura jista' jkun hemm l-interess ta' membru reġistrat li ma jħallix koperativa ġdida titwieled għaliex tkun qiegħda tidħol fl-għalqa tiegħu. L-*APEX* għandha rwol definit għall-koperativi reġistrati, jiġifieri għal dawk li diġa` qegħdin jiffunzjonaw, mentri l-Bord għandu l-irwol addizzjonali regolatorju li jieħu l-inizjattiva biex jinċentiva t-twelid ta' koperativi oħra. Is-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 3 baqgħu kif kienu taħt il-liġi l-antika, pero` l-funzjonijiet (a), (b) u (ċ) huma l-kunċetti ġodda li jirregolaw il-funzjonijiet u r-rwol ta' dan il-Bord.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Nixtieq li l-Viċi Prim Ministru jispjegalna aktar x'ifisser meta ngħidu li l-Bord iħeġġeġ koperativi ġodda? Dan ifisser li, per eżempju, se jagħmel *promotion campaign*? (Interuzzjonijiet) Huwa d-dmir ta' l-*APEX* li tagħmel *awareness campaign* u ma naħsibx li l-*conflict of interest* jista' jwaqqaf lill-*APEX* milli tagħmel din il-funzjoni għaliex l-*APEX* trid tissalvagwardja l-eżistenza tagħha. Jekk l-*APEX* se tibqa' komposta minn numru ta' koperattivi li hemm illum, allura l-iktar li jista' jiġri huwa li jonqsu u mhux jiżdiedu l-koperattivi, jew inkella jibqgħu fejn huma. Għalhekk għall-istess interess tagħha, l-*APEX* għandha tagħmel din it-tip ta' *campaign*.

Apparti dawn, hemm *Scoops* li hu proġett bl-għan li jippromwovi koperattivi oħra u fl-istess ħin hi koperattiva wkoll. *Scoops* hija qisha *APEX* żgħira, għaliex għandek numru ta' koperattivi ġo l-iskejjel miġburin taħt proġett wieħed. Ma rridux ninsew li l-Bord għad għandu funzjoni eżekuttiva, l-ewwelnett għaliex issa għandu fuqu responsabbilta` tal-liġi li jrid jagħmel il-*promotion campaigns*. Ma niddejjaqx jekk il-Bord jibqa' bi rwol edukattiv u l-*APEX* l-istess, għaliex iktar ma nżidu dawn l-inizjattivi, wieħed aktar ikun jista' jagħraf x'inhu l-ġid ta' dawn il-koperattivi pero` huwa importanti li nkunu nafu eżattament l-istampa fuq il-kwestjoni tal-bord. Fil-passat diġa` kien hemm esperjenzi fejn il-koperattivi lill-Bord bdew jarawh bħala xi ħaġa li qiegħda tikkonfliġi fuq ċertu affarijiet tagħhom. Għalhekk naħseb li rridu nkunu realistiċi u ngħidu eżattament din il-liġi x'segħtat se ttih il-Bord.

**ONOR. EDWIN VASSALLO (Segretarju Parlamentari):** X'ħin taqra l-artiklu 106 li jitkellem fuq l-organizazzjoni *APEX* u tara l-funzjonijiet kemm ta' l-*APEX* kif ukoll tal-Bord tinduna li filwaqt li jikkumplimentaw lil xulxin, għandhom żewġ funzjonijiet totalment differenti minn xulxin. Il-Bord qiegħed hemm biex jassigura l-amministrazzjoni u għall-fini ta' kif se jitmexxew l-affarijiet anke b'risq l-istess ġid li nixtiequ lill-koperattivi. Filwaqt li l-*APEX* għandha funzjoni importanti u determinanti f'ċertu sitwazzjonijiet u din m'għandhiex tagħmel il-funzjonijiet li huwa d-dmirijiet tal-Bord. Minn naħa l-oħra dan ma jfissirx li l-*APEX* ma tistax tikkumplimenta l-funzjonijiet tal-Bord anke fil-promozzjoni jekk hemm bżonn. Jekk wieħed jara l-funzjonijiet ta' l-*APEX* u għalxiex ġiet magħrufa u istituzzjonalizzata f'dan l-abbozz, ma naħsibx li għandha tinqala' din il-problema. Għandi nifhem li l-problemi jinqalgħu l-iktar meta jkollok kunflitt ta' personalitajiet u mhux għaliex il-liġi toħloq il-problemi. Għall-fini ta' amministrazzjoni, nemmen li huwa aħjar li jkollok Bord li jaf jamministra filwaqt li l-*APEX* tkun qiegħda hemm biex tikkumplimenta.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Definittivament hemm kumplimentarjeta` fil-funzjoni ta' inkorraġiment għall-moviment koperattiv. Dan ifisser li qegħdin nimmiraw li jkollna kemm il-Bord u kif ukoll l-*APEX* li flimkien, b'koperazzjoni bejniethom, jagħmlu kulma jifilħu biex dan il-moviment jimxi 'l quddiem.

Il-bord qed jimxi pass lura għax jekk wieħed iħares lejn il-liġi li s'issa għandha *in vigore*, is- subartiklu (1ċ) ta' l-artikolu 3 jgħid li fost funzjonijiet oħra, il-Bord għandu d-dmir : "li jħeġġeġ it-twaqqif ta' għaqdiet koperativi fis-setturi kollha ta' l-ekonomija". Imbagħad kienet tkompli b'din il-frażi: "u li jgħin lill-għaqdiet koperativi biex iżidu l-effiċjenza tagħhom". Issa din il-frażi tneħħiet għaliex l-għajnuna primarja lill-koperattivi reġistrati hija l-funzjoni ta' l-*APEX*. Dak huwa t-territorju esklussiv tagħha. Dan ma jfissirx li l-*APEX* ma tistax tieħu inizjattivi fuq livell nazzjonali, reġjonali, settorjali biex tinkoraġixxi t-twaqqif ta' koperativi ġodda, pero` qegħdin nagħmluha ċara li l-ewwel responsabbilta` għall-koperativi l-ġodda għandha taqa' fuq spallejn il-Bord. It-tama tagħna hija li jaħdmu flimkien. Naħseb li dawn iż-żewġ entitajiet se jaħdmu flimkien u prova ta' dan huma l-okkażjonijiet fil-passat meta ħadmu flimkien.

Huwa minnu li xi kultant il-koperattivi jħarsu lejn il-Bord bħala kelb ta' l-għassa. Il-funzjoni regolatorja tfisser li l-Bord ħafna drabi jkollu jiġbed l-attenzjoni ta' xi koperativa meta jkun jidhirlu li hemm xi regolament partikolari jew sistema partikolari li trid tiġi segwita skond il-liġi. Il-funzjoni tal-Bord bħala arbitru tal-kwestjonijiet kienet qiegħda tpoġġi lill-Bord f'sitwazzjoni fejn kien jidher sabiħ ma' min jingħata r-raġun u jidher ikrah ma' min ma jingħatax ir-raġun. Għalhekk din kompliet toħloq ċertu ammont ta' kwestjonijiet. M'hemm xejn fil-liġi li jgħid li l-*APEX* ma tistax tagħmel jew tieħu inizjattivi ta' sostenn għall-moviment koperattiv.

Dwar l-*SCOOPS*, naħseb li llum dan huwa proġett stabbilit u li qiegħed jgħin ħafna biex iż-żgħażagħ u t-tfal tagħna minn eta` żgħira jressaqhom lejn id-dinja kummerċjali pero` b'mudell li għandu ċertu valuri li aħna nixtiequ ninkoraġixxu. Hija r-responsabbilta` primarja tal-Bord li jara li dak jibqa' jsir, pero` nixtieq li nagħmlu *break through* u naraw lill-*APEX* tipparteċipa iżjed fiha.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Naħseb li l-Viċi Ministru laqat il-musmar fuq rasu. Peress li l-*iSCOOPS* hija regolata mill-Bord jew aħjar għaliex il-Bord huwa involut fiha nafu li hemm numru ta' koperativi li ma jħarsux b'mod pożittiv lejha. Din hija xi ħaġa li ma tistax tifhimha. Jekk inkun qiegħda f'koperativa jien nittama li nħares lura u nara nies oħra li se jħobbu l-moviment koperattiv u li se jkunu mħeġġa biex jidħlu fil-koperativ miċ-ċokon pero` hemm din it-tip ta' antipatija għaddejja. L-*APEX* għandha rwol li tippromwovi l-koperattivi u fejn għandhom bżonn l-għajnuna tidħol biex tagħti daqqa t'id pero` din mingħajr *funds.* Il-Bord għandu rwol differenti, veru li s'issa kellu iżjed aċċess għall-fond ċentrali pero` xorta huwa entita` tal-Gvern li l-fondi tiegħu jiġu mill-*Budget* tal-Gvern.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Il-Bord ma kellux id-dritt fuq il-fond ċentrali.
**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Imma influwenza kellu.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Il-fondi fil-Fond Ċentrali ma jiddisponix minnhom il-Bord imma jiddisponi mill-fondi li jiġu vvutati kull sena mill-Fond Konsolidat. Il-Bord għandu l-finanzi li l-Gvern jivvutalu u l-ħsieb huwa li ħafna mill-attivita` ta' l-*APEX* tiġi ffinanzjata permezz tal-Fond Ċentrali.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Li rrid ngħid huwa li llum hemm xi ħaġa li mhix konsonanti għaliex il-Bord għandu funzjoni regolatorja u edukattiva imma fl-istess ħin għandu proġett bħall-*iSCOOPS*. Kieku dan il-proġett għadu se jibda kont ngħid li dan għandu jmur f'idejn l-*APEX* għaliex hija ukoll għandha din il-funzjoni li timbotta 'l quddiem. *SCOOPS* m'għandux ikollha kunflitt ta' interess mal-koperativi diġa` eżistenti.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** M'hemm xejn li jżomm dan l-iżvilupp.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Hemm preċedent, dan ifisser li għada l-Bord jista' jivvinta proġett ieħor li ma jkollux funzjoni regolatorja kif titlob il-liġi. Kif inhi l-liġi llum, l-*APEX* għandha funzjoni aktar wiesgħa u li tista' tagħti lok għal proġetti eżekuttivi, mentri l-Bord huwa regolatur. Li qiegħda ngħid huwa li *SCOOPS* toħloq preċedent. Il-Bord jekk irid ikompli jestendi l-funzjoni tiegħu eżekuttiva jista' joħloq koperativi oħra tax-xorta ta' *SCOOPS.* Dan ikun ifisser li l-irwol tal-Bord bħala regolatur jibda jitnaqqas.

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Aħna aċċettajna l-ħsieb tar-rwol tal-*manager* fuq livell ikbar, issa se jkollna Bord li jkun qisu *manager* fuq livell nazzjonali. Il-Bord m'għandu x'jaqsam xejn mal-koperativi għaliex dak huwa l-irwol ta' l-*APEX.* L-*APEX* tirrappreżenta lill-koperativi u ladarba aċċettajna li fit-tmexxija tal-koperativa jista' jkollna *manager* barrani, allura hawnhekk il-Bord għandu l-funzjoni li jikkumplimenta lill-*APEX.*

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Li qiegħda ngħid huwa li hemm il-preċedent ta' l-*iSCOOPS.* Lanqas biss nimmaġina li l-*iScoops* għandu jispiċċa għaliex huwa proġett tajjeb imma fl-istess ħin huwa preċedent.
**ONOR. LAWRENCE GONZI:** *SCOOPS* m'hijiex koperativa.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** M'hijiex reġistrata bħala koperativa u lanqas jistgħu għaliex huma tfal.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** L-istess bħall-*Young Enterprise.* Din m'hijiex kumpannija kummerċjali, imma hija titolu ta' eżerċizzju li jsir bejn il-Bord u l-iskejjel tal-Gvern u dawk privati. Sfortunatament mhux kulħadd jipparteċipa għalkemm nixtiequ li kulħadd jieħu sehem. Din l-esperjenza seħħet permezz ta' ftehim bejn il-Bord u dawn l-iskejjel fejn studenti b'etajiet differenti jiġi spjegat lilhom x'inhu l-mudell tal-koperativi u kull wieħed minnhom jagħmel mudell ċkejken ta' koperativa

pero` fi gruppi żgħar ta' studenti. Il-Bord jieħu ħsieb il-parti tal-*marketing* tagħha, tal-kuntatti u ta' l-organizazzjoni ma' l-iskejjel. Is-sena li għaddiet għall-ewwel darba l-Bord, biex ikollu organizazzjoni ftit aħjar, ikkuntattja koperativa oħra li jisimha l-*Outlook* biex tieħu ħsieb il-parti ta' l-amministrazzjoni u l-promozzjoni ta' dan il-proċess. Pero` dan hu esperjenza u għalhekk l-*iSCOOPS* huwa eżerċizzju tipiku ta' xi ħaġa li l-Bord għandu jkollu l-ewwel responsabbilta` fuq spallejh li jara li ssir.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Dan ifisser li qiegħed tħares lejha mil-lat ta' funzjoni edukattiva.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Definittivament naraha fil-funzjoni edukattiva.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Din taqa' tajjeb ħafna taħt l-emenda tal-klawsola 3(3) li tgħid: "li jipprovdi tagħrif dwar kull prinċipju, prattika u tmexxija tal-koperativi". Dan ifisser li fi *Scoops* bħala *an educational experience* mhux se jkollok kunflitt ta' interess u ħadd ma jista' jgħid li l-Bord qiegħed jamministra xi ħaġa li hija xi forma ta' koperativa. Din hija *an educational experience* li taqa' taħt subklawsola (3).

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Din l-argumentazzjoni kollha hija importanti għaliex jekk għada pitgħada jkollna xi kunflitt ta' interpretazzjoni nkunu nistgħu nirreferu għal dak li ntqal illum. Il-fatt li qegħdin nistabbilixxu li *Scoops* tagħmel sens mil-lat edukattiv ma jżommnix milli nkompli nsostni li l-Bord m'għandux joħloq inizjattivi fejn huwa jidħol f'pożizzjoni eżekuttiva. Il-funzjoni tiegħu hija ristretta għal regolatur u edukatur.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Aktar rimarki? L-Onor. Farrugia.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Segwejt b'interess dan id-dibattitu fuq il-kwestjoni ta' l-*APEX* u l-Bord, pero` xtaqt nissottolinea dan il-punt. Il-Bord dejjem kellu u issa bl-emenda li saret aktar minn qabel, *monitoring function* li biha jista' jħarrek jew jiġi mħarrek. Jekk kemm-il darba l-Bord ikollu *complaints* fuq koperativa, kien ikollu d-dritt li jinvestiga l-kwestjoni u għalhekk ikun jista' jħarrek u jenforza ċertu proċedura.

Bl-istess argument, taħt l-artiklu 104, l-ebda membru ta' l-*APEX* ma jista' jkun fil-Bord u tant hu hekk li l-Bord innifsu jista' jinvestiga lill-*APEX*. GĦalhekk il-Bord, apparti l-aspett edukattiv, għandu wkoll funzjoni kważi ġudizzjarja għaliex jista' jinvestiga u mbagħad jirrakkomanda u jirrapporta.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Il-kelma "kważi ġudizzjarja" hija b'saħħitha żżejjed. Nippreferi l-kelma "regolatorju".

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Qiegħed ngħid hekk biex ħadd ma jgħid li dawn iż-żewġ entitajiet għandhom kważi l-istess funzjonijiet. Dan m'hu veru xejn. Il-Bord huwa superjuri u tant hu hekk li l-Bord stess jista' jinvestiga lill-*APEX*.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Bid-differenza li lill-Bord neħħejnilu ċertu poteri li kellu sal-lum u *cioe`*li jindaħal fl-amministrazzjoni normali ta' kuljum. Barra minn hekk il-funzjoni kważi ġudizzjarju li kellu l-Bord neħħejnihielu wkoll.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Xtaqt nistaqsik x'kienet l-opinjoni ta' dawn l-għaqdiet u soċjetajiet tal-koperativi dwar dawn l-emendi?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Meta l-koperativi rrealizzaw li l-Bord kienet se titneħħilu l-funzjoni kważi ġudizzjarja tiegħu u kienet se tiġi limitata l-funzjoni regolatorja, ir-reazzjoni in ġenerali kienet pożittiva. L-*APEX* riedet li mmorru aktar 'il bogħod, jiġifieri li l-Bord jibqa' esklussivament regolatorju. Il-funzjoni ta' inkorraġiment biex jitwaqqfu koperativi ġodda riedet teħodha f'idejha l-*APEX*. Ħassejt li ma kienx ikun għaqli li kieku l-koperativi eżistenti f'pajjiżna jiddeċiedu huma lil min jinkoraġixxu biex iwaqqaf koperativa. Hemm bżonn li dik tkun funzjoni maqtugħa biex ma jkunx hemm *vested interests*.

In ġenerali, ir-reazzjoni kienet tajba fejn intqal li huwa tajjeb li lill-Bord neħħejnilu ftit iżjed poteri, li ħallejnieh fuq livell regolatorju u li m'għadux bil-funzjoni kważi ġudizzjarja.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Nixtieq nistaqsi jekk din il-liġi hijiex ibbażata fuq il-leġislazzjoni Ġermaniża u jekk il-kwestjoni ta' l-*APEX* taħt il-liġi Ġermaniża hijiex irregolata bl-istess mod.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Nista' nwieġeb mill-ewwel u ngħidlek li l-mudell qiegħed hemm, il-binarji qegħdin hemm u r-regoli in ġenerali qegħdin hemm. Punt wieħed biss m'huwiex irregolat bil-liġi għaliex se jiġi rregolat b'*legal notice*. Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet u qiegħed nistenna risposta mingħand l-*APEX* ħalli nara jekk l-aħħar proposta tiegħi hijiex aċċettabbli għalihom. Hija xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-mod ta' kif jiġi kompost il-kumitat tal-Fond Ċentrali. Wieħed mill-aktar punti li domna niddiskutu u li s-soluzzjoni nittama li tkun kompromess bejn iż-żewġ pożizzjonijiet m'għandhiex x'taqsam mal-klawsoli tal-liġi u mal-funzjoni tal-Bord, eċċ., imma pjuttost jekk il-Bord għandux joħroġ kompletament mill-kumitat li jikkomponi l-Fond Ċentrali. L-*APEX* ħadet il-pożizzjoni li l-Bord m'għandux ikollu preżenza fil-kumitat tal-Fond Ċentrali.

Biex inkun preċiż u dan il-kumitat ikollu l-istampa ċara quddiem għajnejh, fil-maġġor parti tal-pajjiżi, l-Fond Ċentrali huwa magħmul minn qliegħ tal-koperativi nfushom u għalhekk huwa amministrat mill-koperativi nfushom. Il-pożizzjoni li ħa l-Bord u li ħadt jiena bħala Ministru, hija li lest li nagħmel pass ieħor billi nnaqqas mill-influwenza tal-Bord fuq dan il-Fond Ċentrali pero` mhux li nirtira kompletament f'dan l-istadju. Dan huwa żvilupp li nittama li naslu għalih minn hawn u ftit snin oħra.

It-tweġiba għall-mistoqsija tiegħek hija li l-*framework* legali kien imfassal mill-Professur Munkener, li eżamina l-liġi l-antika, fehem li l-liġi l-antika kienet bażi tajba u ssuġġerixxa fejn jista' jsir it-tibdil u t-titjib. Tkompla l-eżerċizzju mhux biss bil-kontribut ta' Munkener imma anke bil-kontribut ta' Professur mill-Universita` ta' *Oxford* preċiżament fuq *competition law* u anke liġijiet dwar il-koperativi.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** X'inhi l-opinjoni tal-Professur Munkener fuq dan il-punt? Jaqbel ma' dak li tgħid l-*APEX*?

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: **F**l-aħħar laqgħa li kelli ma' l-*APEX*, li kienet il-ġimgħa li għaddiet, qaluli li kellhom tlett punti x'jiddiskutu. L-ewwel punt kellu x'jaqsam mal-funzjoni ta' uffiċjal u jekk uffiċjal jistax jitħallas jew le tax-xogħol tiegħu. Dik ġiet *cleared* fil-liġi u m'hemmx problemi.

Il-punt l-ieħor jirrigwarda l-laqgħa ġenerali jiġifieri meta jiskadi t-terminu ta' sena. Il-liġi qiegħda tgħid li kulħadd għandu jirriżenja u l-laqgħa ġenerali teleġġi l-kumitat tat-tmexxija. Bħalma jiġri fis-soċjetajiet kummerċjali fejn meta jkollok laqgħa ġenerali, il-Bord tad-Diretturi jiġi elett mill-ġdid jew konfermat mill-ġdid fil-laqgħa ġenerali. L-*APEX* qiegħda tgħid li għandna nżommu s-sistema l-antika fejn ikollok terz biss li jirreżenja u b'hekk ma jkollokx bidla sħiħa f'daqqa. Fil-laqgħa li kelli magħhom għidtilhom li nikkonsidraha. Ippreparajt emenda li tagħti l-*option*, jiġifieri l-koperativa tista' tagħżel li jkollha sistema li terz biss jirtiraw jew inkella sistema fejn il-kumitat jirriżenja kollu.

Kien hemm il-punt tal-Fond Ċentrali li għadna qegħdin nargumentaw u għamiltilhom kontro-proposta l-ġimgħa li għaddiet u qiegħed nistenna r-risposta. Pero` dik m'hijiex xi ħaġa tal-liġi imma xi ħaġa li toħroġ mil-*legal notice*. L-*APEX* għandhom dawn l-istess emendi, qrawhom kollha, raw il-liġi u fl-aħħar laqgħa li saret nhar it-Tlieta tal-ġimgħa li għaddiet ma qbilnix fuq dawn it-tlett punti.

Nista' ngħid li l-punt li għadu ndeċiż jikkonċerna l-kompożizzjoni tal-kumitat tal-Fond Ċentrali. Se nagħmel riserva żgħira għaliex qiegħed nirrealizza issa li baqa' punt ieħor li sal-lum għadni ma ħadtx pożizzjoni finali fuqu u dan huwa l-famuż artiklu 40. L-artiklu 40 huwa l-artiklu kruċjali fejn irridu naraw l-*interface* bejn il-liġi tal-koperativi u l-liġi dwar il-kompetizzjoni. Xtaqna ħafna d-direzzjoni u l-parir ta' Munkener fuq dan l-artiklu pero` lanqas il-Professur Munkener ma seta' jagħtina formula finali. (Interuzzjonijiet) Dwar l-aħħar emendi li bgħattnilu qalilna li huma tajbin.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Xtaqt ngħid xi ħaġa oħra dwar is-subklawsola 2 ta' klawsola 3. Din il-klawsola li baqgħet kif kienet tgħid li l-Bord jista', bla ħsara għad-dispożizzjoni ta' dan l-Att u

għal kull direttiva ġenerali u speċjali tal-Ministru, jiddelega kull waħda mill-funzjonijiet taħt dan l-Att. Meta ngħidu "jiddelega", għal min inkunu qegħdin nirreferu? Se jiddelega lis-*Civil Servant*? Se jkun hemm reġistratur?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, assolutament mhux hekk. Din hija klawsola li teżisti taħt il-liġi l-antika, ġiet użata meta l-Bord ried iqabbad awditur barrani biex jagħmel l-*auditing* ta' ċertu kotba.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Peress li aħna qegħdin nartikolaw u nirfinaw ħafna iktar il-liġi li hemm u anke qegħdin nespanduha, dik il-kelma "jiddelega" naħseb li hija vaga wisq għaliex il-Bord, għada pitgħada, jista' jiddeċiedi li jwaqqaf dipartiment.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ma jistax jagħmel hekk mingħajr il-*clearance* min-naħa tal-Gvern. Ma jistax jaqbad u jagħmilha minn jeddu.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jien dejjem naħseb fil-ħażin biex it-tajjeb ma jonqosx. F'każijiet bħal dawn aħjar tagħlaq ftit. Hawnhekk qegħdin ngħidu "jiddelega", imma x'se jiddelega? Kull waħda mill-funzjonijiet tiegħu? Lil min se jiddelega?

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Din hija aktar klawsola amministrattiva li tiffaċilita l-eżekuzzjoni tal-poteri ta' dan il-Bord milli ħaġa oħra.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Huwa diġa` importanti l-fatt li qegħdin nargumentawha u li se titniżżel fid-*debate*, pero` naħseb li tkun ħaġa tajba jekk inkunu iktar speċifiċi.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Min-naħa l-oħra trid toqgħod attent li ma tispeċifikax iżżejjed.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Lanqas irridu li l-interpretazzjoni ta' din il-liġi tkun miftuħa beraħ għaliex inkella dan il-Bord jispiċċa xi *super structure*. Bir-rispett kollu, għandi ħafna fiduċja fin-nies ta' responsabbilta` politika imma fl-istess ħin m'għandi fiduċja xejn u dan jgħodd għalija nnifsi wkoll wara kollox. Aħna bnedmin u nistgħu niżgarraw! GĦalhekk naħseb li l-liġi ma tistax tiddependi fuq il-*bona fide* ta' persuna.

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** L-interpretazzjoni tal-liġi qiegħda f'min ikun qiegħed jamministraha. Naħseb li huwa importanti li din il-klawsola ma tispeċifikax il-funzjonijiet li l-Ministru jista' jiddelega u lil min jista' jiddelegahom, bir-riskji kollha tagħha, għaliex naħseb li hekk tkun iżjed effettiva.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għandek ukoll il-kontrolli tal-koperativi.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Il-Bord jikkontrollah il-Ministru. Wara kollox l-iktar li jistgħu jagħmlu l-koperativi huwa li joqogħdu jparlaw u jikkritikaw lill-Gvern jew lill-Ministru. Jekk il-Ministru jistina rasu, jista' jibqa' għaddej.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Dak huwa l-politiku. Imbagħad jerfa' r-responsabbilta` tad-deċiżjonijiet li jkun ħa.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Iva, jerfagħha għal ħames snin għaliex il-poplu jieħu d-deċiżjoni tiegħu kull ħames snin. Ma ninsewx li l-affarijiet ikunu qegħdin jiġru fil-pajjiż kull ġurnata u kull minuta u l-interpretazzjoni tal-liġi nippreferi li ma tkunx f'idejn persuna imma tkun f'idejn il-Parlament.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Hekk noħolqu strutturi li huma mażżri.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Le, mhux mażżri imma lanqas għandhom ikunu beraħ għax hemm implikazzjonijiet kbar. Jista' jkollok Bord li jipperswadi lill-Ministru biex id-delega tiegħu ta' reġistratur iwaddabha f'idejn ħaddieħor. Kellna nies li nfluwenzaw biżżejjed lill-politiċi u mbagħad il-politiċi jagħmlu l-qassatati.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ejja nżommu saqajna ma' l-art u nirrealizzaw li din m'hijiex xi ħaġa ġdida. Qegħdin nitkellmu fuq realta` li ilha għaddejja għal disa' snin mill-1993. Din il-*policy* ħadmet, saru delegi f'affarijiet purament amministrattivi u rnexxiet. Dan ifisser li m'aħniex noħolqu xi ħaġa ġdida li għadna ma nafux l-esperjenza tagħha.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** M'aħniex qegħdin noħolqu xi ħaġa ġdida, pero` min-naħa l-oħra qegħdin nippruvaw nimbuttaw lill-moviment koperativ biex jespandi aktar. Bil-mod ta' kif espanda l-moviment koperattiv tibda tirrealizza li qiegħed jagħmel ċertu progress li qatt ma konna nobsru li se jkun kapaċi jagħmel f'dan il-pajjiż. Allura lanqas nistgħu nħarsu lejn disa' snin ilu, bir-rispett kollu. Barra minn hekk qegħdin nagħmlu liġi kompletament ġdida, minbarra ċertu prinċipji fundamentali tal-moviment koperativ li ma nbiddlux, imma qegħdin nagħmlu liġi li tirrifletti r-realtaijiet tal-lum. Illum qegħdin nartikolaw ħafna fuq x'għandhom ikunu l-funzjonijiet ta' dan il-Bord. Qegħdin ngħidu li se jkollu funzjoni ta' regolatur u edukatur, daħħalna l-*concept* ta' l-*APEX* għall-ewwel darba u allura għandna nikkunsidraw ukoll u noqogħdu attenti li ma tkunx xi ħaġa *open ended.* Hawnhekk qegħdin ngħidu li l-Bord "jista' jiddelega kull waħda mill-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att" jiġifieri din il-klawsola qiegħda miftuħa beraħ.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Din il-klawsola hija miftuħa beraħ pero` hija dejjem suġġetta għad-direzzjoni u għall-approvazzjoni tal-Ministru u naturalment hija suġġetta wkoll għal dak li hu permess bil-liġi. Meta għidtlek li din l-esperjenza ilha fis-seħħ għal dawn l-aħħar 10 snin, ridt infisser li l-Bord ilu jeżerċita dan il-poter għal 10 snin. Poġġi wkoll dan fil-kuntest tal-fatt li fil-bidunett għidt li qegħdin innaqqsu l-poteri lill-Bord u mhux inżiduhomlu. Il-Bord illum bil-liġi l-ġdida għandu poteri inqas milli kellu taħt il-liġi l-antika.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** L-artiklu jibda hekk "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att", jiġifieri ma jista' jsir xejn li huwa kuntrarju għall-ispirtu ta' dan l-Att.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Tajjeb li ġbidt l-attenzjoni, imma kont qiegħda nikkonsidraha din. Ħadd ma jista' jagħmel xejn li tkun tidher ta' ħsara għaliex imbagħad jispiċċa l-qorti.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Ngħaddu għall-vot. Il-mistoqsija hija l-emenda "B" proposta mill-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "B" għaddiet nem. con.*

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija klawsola 3, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*
*Klawsola 3, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 4 -** Għamla**.**

***Clause 4 -*** *Composition****.***

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għandi emenda għall-klawsola 4:

"Ċ" Minflok il-paragrafu (b) tas-subklawsola (3) tal-klawsola 4, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) uffiċjal jew membru ta' xi soċjeta` jew ta' l-organizzazzjoni *APEX*.".

"C" *For paragraph (b) of subclause (3) of cause 4, there shall be substituted the following new paragraph:*

*"(b) is an officer or member of any society or the APEX organisation.".*

Klawsola 4 hija kwazi riproduzzjoni ta' klawsola 4 tal-liġi eżistenti u l-bidla li qegħdin nagħmlu hija essenzjalment fis-subklawsola (2) fejn qabel, il-liġi kienet tgħid li kull membru tal-Bord ikun maħtur għall-perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin u illum il-liġi qiegħda tgħid li kull membru tal-Bord ikun appuntat għall-perjodu ta' mhux inqas minn sentejn u mhux iktar minn 5 snin. M'hijiex xi bidla ta' sustanza kbira imma qegħdin nistabbilixxu li n-nomina trid tkun minimu ta' sentejn.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Rimarki? L-Onor. Anġlu Farrugia.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Il-membri tal-Bord ikunu maħturin għal perjodu ta' 5 snin, jekk mhux iktar. Issa qegħdin ngħidu mhux inqas minn sentejn imma mhux iktar minn 5 snin. X'kienet il-problema? Kien hemm xi problema fil-funzjonament ta' dak l-artiklu qabel?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Kien hemm xi ħadd li ġibdilna l-attenzjoni li jekk jiġi Ministru u jinnomina lil xi ħadd għal sitt xhur biss, ma kinitx tkun xi ħaġa tajba. Għalhekk din hija limitazzjoni fuq il-Gvern li jekk se jinnomina lil xi ħadd irid jinnominah għal minimu ta' sentejn.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** L-Onor. Marie Louise Coleiro.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Se nerġa' niġbed l-attenzjoni għall-fatt li kollox jibda u jispiċċa mill-Ministru. Naħseb li fit-Tieni Qari dan il-punt kien sostnut u jien għadni bl-istess fehma.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Opinjoni żbaljata fl-opinjoni tiegħi, xi tridni nagħmel? Il-koperattivi jinnominaw lill-Bord huma?

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Le. Hemm modi oħra, per eżempju, li l-Bord jiġi nnominat mill-Parlament. Xtaqt ngħid xi ħaġa dwar subklawsola (2) ta' klawsola 4 fejn l-aħħar sentenza tgħid "iżda membru tal-Bord jista' f'kull waqt, b'avviż bil-miktub, jirreżenja mill-kariga tiegħu". Jekk il-Ministru jneħħi lil xi ħadd mill-Bord, irid jagħti avviż?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Is-subartikolu (5) jgħid hekk:

> "*a member of the board may be removed from office by the Minister if in the opinion of the Minister such member is guilty of serious misconduct in performance of his duty, or is incapable of carrying out his duties or is absent from the meetings of the board without reasonable cause, for such number of meetings as the Minister may consider excessive*".

Il-Ministru għal dawk ir-raġunijiet biss għandu l-poter li jneħħi lil xi ħadd mill-Bord.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Imma ma jagħtihx avviż?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Jekk jiena naqbad membru *guilty of serious misconduct or incapable of carrying out his duty* x'avviż għandi bżonn nagħtih?

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Kull membru jaf liema huma l-kriterji li fuqhom il-Ministru jista' jkeċċih. Hija l-istess liġi li tavżah meta jista' jitkeċċa.

**ONOR. HELEN D'AMATO:** Filwaqt li l-artiklu ta' qabel kien *open ended* hawnhekk qiegħed jispeċifika eżattament fejn jista' jindaħal il-Ministru. Dan ifisser li ma tistax iżżid magħhom ladarba qegħdin speċifikati.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Huwa differenti ħafna mill-*boards* l-oħrajn kollha.
**ONOR. FRANCIS AGUIS:** Ma nħassitx il-ħtieġa fl-artiklu 5 li jiġi speċifikat liema huma l-laqgħat li jkun assenta ruħu minnhom? Normalment f'ħafna organizzazzjonijiet dawn ikunu speċifikati.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, għaliex hawnhekk qegħdin nitkellmu fil-plural u wieħed jippretendi li membri tal-Bord jattendu l-laqgħat kollha. Mhux ġustifikat li wieħed jassenti ruħu *without reasonable cause.*

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija l-emenda "C". Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "C" għaddiet nem. con.*

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija klawsola 4, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 4, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 5 –** Rappreżentanza.

***Clause 5 –** Representation.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Klawsola 5 tittratta r-rappreżentanza legali tal-Bord. Din hija meħuda mill-artiklu 5 tal-liġi ta' l-1978. Hemm bidla waħda żgħira li hija kwestjoni ta' *wording*. Qabel kien intuża l-kliem bl-Ingliż "*officers or servants of the Board*". Fil-*proviso* kien hemm miktub "*provided that the board may appoint any one or more of the other members of the officers or servants of the board.*". Aħna dehrilna li l-kelma "*servants*" m'hijiex adattata għat-terminoloġija li għandna nużaw fil-liġi u minflok qegħdin ngħidu "*employees*". Il-bqija l-artiklu huwa l-istess bħalma kien fil-liġi l-antika.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Biex tkun aktar ċara f'dan il-kumitat, ir-rappreżentanza ġuridika qiegħda f'idejn il-president, pero` l-Bord jista' jgħid li għal din il-kawża partikolari r-rappreżentant se jkun dan il-membru?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Eżattament, bħal-*limited liability companies.*

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija klawsola 5. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*
*Klawsola 5 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 6 –** Uffiċċju**.**

***Clause 6 –** Office.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Klawsola 6 tistabbilixxi l-uffiċċju tal-Bord li huwa wkoll artiklu meħud kelma b'kelma mill-artiklu 6 tal-liġi ta' l-1978.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Fejn huwa l-uffiċċju tal-Bord?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** F'Melita *Street*, iktar 'il ġewwa mil-*Labour Office.*

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Dwar is-subklawsola (3) ta' klawsola 6, il-Bord jista' direttament jimpjega n-nies miegħu?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Iva, imma naturalment bħal organizzazzjonijiet oħrajn, aġenziji oħrajn u awtoritajiet tal-Gvern, ma jistax jaqbad u jmexxi imma huwa kkontrollat mill-finanzi tal-Gvern. Dan ifisser li jrid ikollu l-finanzi u jrid ikun awtorizzat li jkun jista' jagħmilha.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** **M'**huwiex ristrett għall-*personnel* li jista' jsib *within the confines of Government.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, m'huwiex ristrett għal dak, għalkemm fil-prattika hekk isir.

**ONOR. MARIE LOUISE COLERIO:** Jekk irid għandu l-poter li jista' jagħmilha.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Fil-passat saret ukoll.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija klawsola 6. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 6, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi*

**Klawsola 7 –** *Quorum.*

***Clause 7 –*** *Quorum.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Il-bidliet huma f'sub-klawsoli 7 u 8 li huma żewġ subartikli ġodda. Is-subklawsola 7 jgħid li għandu jkun hemm il-kunfidenzjalita` f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni li tinġabar. Il-bżonn ta' dan l-artiklu ħareġ ħafna iktar b'saħħtu minħabba l-emendi li qegħdin nintroduċu. Il-funzjoni regolatorja iżjed qawwija tal-Bord tfisser li għandu jkun hemm ċertu kunfidenzjalita`. Naħseb li fil-liġi l-antika kienet meħuda *for granted* pero` ma kinitx miktuba u issa qiegħda tinkiteb. Is-subklawsola (8) huwa korollarja ta' dan, fejn qiegħed jiġi ddikjarat li jkun reat u huwa ksur tal-liġi jekk xi ħadd jikser din il-kunfidenzjalita` ta' l-informazzjoni.

**ONOR. HELEN D'AMATO:** Nixtieq nistaqsi lill-Ministru dwar is-subklawsola (2) li tgħid li "il-*quorum* f'kull laqgħa tal-Bord m'għandux ikun inqas minn nofs l-għadd tal-membri". Hawnhekk għandna miktub li l-Bord jista' jkun magħmul minn tlett min-nies u massimu ta' sebgħa min-nies. Allura n-"nofs" membru ma' liema naħa jmur?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** L-Att dwar l-Interpretazzjoni tistabbilixxi li f'dak il-każ m'għandekx tlett persuni u nofs imma erbgħa.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Is-subartiklu (8) dwar il-piena jsemmi multa ta' mhux iżjed minn Lm2,000. Din tirreferi ukoll għal-leġislazzjoni l-oħra fuq il-*confidentiality*?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Nissusspetta li hekk hu, pero` ma nafx inwieġbek. Is-suspett tiegħi huwa li ttieħdet minn x'imkien ieħor.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija klawsola 7. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 7, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 8 –** Direttivi.

***Clause 8 –** Directions.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Klawsola 8 hija meħdua mill-artiklu 8 tal-liġi ta' l-1978. Hemm bidla żgħira fis-subartiklu (2), fejn qabel kienet "*in such manner and at such time as he may require*". Il-Ministru kellu d-dritt li anke f'nofs il-lejl jitlob informazzjoni u għalhekk ġiet irfinata.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija klawsola 8. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 8 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 9 –** Nefqiet**.**

***Clause 9 –** Expenses.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għandi emenda:

"D" Minflok is-subklawsola (1) tal-klawsola 9, għandha tidħol din is-subklawsola ġdida li ġejja:

"(1) L-ispejjeż tal-Bord għandhom jitħallsu minn dawk il-fondi li jistgħu jiġu vvotati mill-Kamra tad-Deputati.".

*"D" For subclause (1) of clause 9, there shall be substituted the following new subclause:*

*"(1) The expenses of the Board shall be borne out of such funds as may be voted by the House of Representatives.".*

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Dan ifisser li nqatgħet kompletament l-idea li jista' jkun hemm spejjeż imħallsin mill-fond?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Iva. L-ispejjeż kollha tal-Bord għandhom jitħallsu mill-Fond Konsolidat u għalhekk hawn bidla minn dak li kien jeżisti fil-liġi ta' l-1978.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA: N**aħseb li l-ħsieb wara din hija l-indipendenza.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Iva**. D**an kien prinċipju li Munkener saħaq ħafna fuqu. Dawk huma fondi tal-koperativi u għandhom jintużaw għall-bżonnijiet u għall-objettivi tal-koperativi. Il-Bord huwa bord regolatorju u l-Gvern għandu interess li jara li f'pajjiżna jkollna l-funzjoni regolatorja u għalhekk għandu jiffinanzja hu lill-bord regolatorju biex jaqdi din il-funzjoni.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Jien naqbel miegħek Ministru. Hemm il-prinċipju li huwa *entrenched* fil-Kostituzzjoni dwar l-Indipendenza ta' min għandu jiġġudika jew min għandu jissorvelja. Ladarba qegħdin ngħidu li mill-Fond Konsolidat jew mill-flus ivvotati mill-Kamra tad-Deputati qegħdin isaħħu iktar l-indipendenza ta' dan il-Bord, allura naqbel magħha.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija l-emenda "D". Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "D" għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija klawsola 9, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 9, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Qiegħed jiġbidli l-attenzjoni l-Iskrivan tal-Kumitat li fil-liġi għandna t-Tielet Skeda. Filwaqt li l-Ewwel Skeda u t-Tieni Skeda jagħmlu referenza għall-artiklu partikolari, għat-Tielet Skeda m'hemmx referenza bil-miktub. Ir-referenza għat-Tielet Skeda hija fid-definizzjoni tal-kelma "*abridged accounts*" fl-*Interpretation clause.* GĦalhekk biex ikun reġistrat, għaliex jista' jkun li niġu misinterpretati li forsi m'għaddejnix it-*Third Schedule* ma' dak l-artiklu u dan il-punt ma qamx waqt li konna qegħdin niddiskutu l-artiklu 2. (Interuzzjonijiet) Kelli niġbed l-attenzjoni tal-kumitat dwar it-Tielet Skeda. Hija l-iskeda li titkellem fuq l-*accounts*, x'forma għandhom ikunu l-*accounts* u dawn l-affarijiet kollha. M'għandux ikun hemm problema għaliex hija kkupjata kelma b'kelma tista' tgħid mill-iskeda li tapplika taħt il-*Companies Act.*

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Fit-test Malti qiegħda "Sett abbrevjat ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji vverifikati".

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Jiena niddeċiedi li t-Tielet Skeda ġiet diġa` approvata fi klawsola 2.

**Klawsola 10 –** Reġistru tas-Soċjetajiet Koperativi.

***Clause 10 –*** *Register of Co-operative Societies.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għandi emenda:

"E" Klawsola 10 għandha tiġi emendata kif ġej :

(1). Is-subklawsola (1) preżenti tagħha għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala l-klawsola 10.

(2). Fil-klawsola 10 kif enumerata mill-ġdid minflok il-kliem "minn żmien għal żmien." għandu jidħol dan li ġej:

"minn żmien għal żmien:

Iżda għall-finijiet pubbliċi, huwa biss it-tagħrif li hemm imsemmi fl-artiklu 12 li jista' jintgħamel disponibbli mill-Bord.".

(3) Is-subklawsoli (2), (3) u (4) preżenti għandhom jitħassru.

*"E" Clause 10 shall be amended as follows:*

*(1) The present subclause (1) thereof shall be re-numbered as clause 10.*

*(2) In Clause 10, as re-numbered, for the words "from time to time." there shall be substituted the following:*

*"from time to time:*

*Provided that for public purposes, only the information mentioned in article 12 may be made available by the Board.".*

*(3) The present subclauses (2), (3) and (4) shall be repealed.*

Qegħdin jitħassru s-subklawsoli (2), (3) u (4) u se tibqa' s-subklawsola (1) biss li ġiet emendata kif ipproponejt. Irrid ngħid li dan l-artiklu huwa meħud mill-artiklu 93 tal-Liġi ta' l-1978. Din il-klawsola tirrifletti t-twaqqif tar-reġistru u l-fatt li fl-uffiċċju tal-Bord għandu jkun hemm reġistru li fih jinżammu d-data, l-informazzjoni u l-istatistika kollha li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet li jkunu reġistrati bħala koperativi.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Il-problema li għandi hija dwar ir-*renumbering*.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Is-*subclauses* taru kollha. Issa baqa' paragrafu wieħed biss.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Minflok il-kelma "jintgħamel" mhux aħjar ngħidu "jagħmel jew jista' jagħmel disponibbli"?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Jien staqsejt dik il-mistoqsija u qaluli li dik hija l-kelma li tintuża u tfisser xi ħaġa differenti minn "jagħmel".

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija l-emenda "E"? Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "E" għaddiet nem. con.*

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija l-klawsola 10, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 10, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 11 –** Produzzjoni ta' kotba, kontijiet, eċċ.

***Clause 11 –** Production of books, accounts, etc.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għandi emenda:

"F" Minflok il-klawsola 11 għandu jidħol dan li ġej :

"Tniżżil u korrezzjonijiet fir-Reġistru.

(1). Kull dħul fir-Reġistru tas-Soċjetajiet Koperativi għandu jġib il-firma tal-President.

(2) Kull alterazzjoni, korrezzjoni jew tħassir fir-Reġistru tas-Soċjetajiet Koperativi għandu jsir b'tali mod li jkun juri l-parti mibdula, koreġuta jew imħassra, u jġib l-inizjali tal-President tal-Bord.".

*"F" For clause 11 there shall be substituted the following:*

*"Entries and corrections in the Register.*

*(1) All entries in the Register of Co-operative Societies shall be signed by the Chairman of the Board.*

*(2) Every alteration, correction or erasure in the Register of Co-operative Societies shall be made in such manner as to show the entry altered, corrected or erased and shall be initialled by the Chairman.".*

Din il-klawsola hija l-istess bħall-artiklu 38 tal-liġi l-antika.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija l-emenda "F". Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "F" għaddiet nem. con.*

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija klawsola 11, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 11, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 12 –** Spezzjon ta' kotba.

***Clause 12 –*** *Inspection of books.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Din hija meħuda kważi kollha mil-liġi l-antika pero` b'din l-emenda:

"G" Minflok il-klawsola 12 għandu jidħol dan li ġej:

"Spezzjon Pubbliku.

12. Ir-Reġistru tas-Soċjetajiet Koperativi, kif ukoll l-istatut reġistrat ta' kull soċjeta` flimkien ma' l-emendi reġistrati li jsiru fih, u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati ta' soċjetajiet li jiġu ppreżentati lill-Bord skond l-artikolu 48 (1), għandhom ikunu miftuħa għall-ispezzjon mill-pubbliku matul dawk il-ħinijiet u mal-ħlas ta' dawk id-drittijiet hekk kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.".

*"G" For the present clause 12 there shall be substituted the following:*

*"Public inspection.*

*12. The Register of Co-operative Societies, as well as the registered statute of every society with any registered amendments thereto, and the audited financial statements of societies submitted to the Board in accordance with article 48 (1), shall be open to inspection by the public during such time and against payment of such fees as the Minister shall from time to time prescribe by regulations made under this Act.".*

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Naħseb li klawsola 12 m'hijiex xi ħaġa innovattiva.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Klawsola 12 hija l-artiklu 97 tal-liġi l-antika.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** **J**ekk nistgħu neħilsuhom aħjar.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** M'hijiex kwestjoni li teħlishom! Hawnhekk qegħdin naqtgħu klawsola sħiħa u minflokha qegħdin indaħħlu l-ispezzjoni pubblika. Xtaqt li nidħlu fiha, pero` ma naħsibx li baqa' ħin.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Naħseb li l-Onor. Farrugia qiegħed jgħid li għandna nieqfu hawn. Hemm l-emenda ppreżentata u nkomplu meta nerġgħu niltaqgħu.

**THE ACTING CHAIRPERSON:** Naġġornaw għal għada fis-7.15. p.m.

*Fit-8.49 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.*